*31 ta' Mejju 2013*
77/2013

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL XI POSTIJIET VAKANTI FI SKEJJEL TAL-KNISJA**

Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għal żewġ postijiet fl-ewwel sena sekondarja tal-bniet u għal ħames postijiet għas-subien fir-raba' sena primarja, f'xi skejjel tal-Knisja. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2013, fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana, bejn id-9:00 a.m. u nofsinhar.

Dawn il-postijiet vakanti rriżultaw wara li matul ix-xhur li għaddew ġew irreġistrati f'xi skejjel tal-Knisja tal-bniet fl-ewwel sena sekondarja, studenti skont l-ewwel kriterju (jiġifieri studenti li għandhom ħuthom fi skola tal-Knisja, studenti ta' impjegati ta' skola tal-Knisja u studenti minn skejjel bla kontinwità). Wara li tlesta dan il-proċess, irriżulta li kien baqa' żewġ postijiet vojta għall-iskola Our Lady Immaculate, Ħamrun.

Fl-istess żmien ġew irreġistrati wkoll l-istudenti subien li applikaw għad-dħul fir-raba' sena. Xi wħud minnhom kienu fi skola tal-Knisja u għażlu skola tal-Knisja oħra. Minn dan il-proċess irriżulta li baqa' ħames postijiet vakanti f'dawn l-iskejjel: St Francis Birkirkara (post), St Francis Cospicua (2 postijiet), St Francis Msida (post) u Teresa Nuzzo Marsa (post).

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu skond dawn il-kriterji:

Studenti skont l-ewwel kriterju (jiġifieri mid-Djar tal-Knisja, aħwa, ulied ta' impjegati fi skola tal-Knisja u ta' skola bla kontinwità), u skont it-tielet kriterju (jiġifieri applikanti oħra). L-istudenti għall-ewwel sena sekondarja jridu jkunu twieldu fis-sena 2002 u dawk għar-raba' sena jridu jkunu twieldu fl-2005. Min ser japplika għandu jippreżenta dawn id-dokumenti: Il-Kattoliċi jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija (oriġinali, u mhux fotokopja); ċertifikat tat-twelid (tal-Insinwa) tat-tifel/tifla (oriġinali u mhux fotokopja); tintwera l-Karta tal-Identità ta' missier jew omm it-tifel/tifla (m'hemmx bżonn ta' fotokopja); ritratt tat-tifel/tifla (daqs ta' passaport). Jekk il-ġenituri huma separati jeħtieġ id-dokument riċenti li jindika l-kustodja tat-tfal. Il-ħlas għall-applikazzjoni huwa ta' €10.

Dan il-proċess ser jitmexxa skont ir-Regolamenti tad-Dħul. Il-polza tal-applikanti se ssir nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2013, fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Il-polza tal-bniet għal-ewwel sena sekondarja tibda fl-4:00 p.m. u dik tas-subien għar-raba' sena primarja tibda fl-4:30 p.m. jew wara li tispiċċa dik tal-bniet.

Aktar dettalji fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq il-websajt: www.maltadiocese.org/church-schools. F'kaz ta' diffikultà wieħed jista' jċempel il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja fuq 27790077 jew 27790060.